

OPINJONI Nru 01/2006

TA' L-AĠENZIJA EWROPEA DWAR IS-SIGURTÀ FL-AVJAZZJONI

għal Regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni fil-qasam ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni

U

għal Regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1702/2003 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji ta' l-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom

għall-implimentazzjoni tal-bidliet li jirriżultaw mill-Emendi 8 tal-Volum I u emenda 5 tal-Volum II ta' l-Anness 16 tal-Konvenzjoni dwar l-avjazzjoni ċivili internazzjonali konkluża f'Chicago fis-7 ta' Diċembru 1944.

I. Ġenerali

1. Fis-sitt laqgħa tiegħu, il-Kumitat ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' l-Avjazzjoni Ċivili (ICAO) għall-Protezzjoni Ambjentali ta' l-Avjazzjoni (CAEP/6) qabel fuq it-tibdil ta' l-Istandards Internazzjonali u l-Prattiċi Rrakomandati - Protezzjoni Ambjentali dwar l-Istorbju mill-Inġenji ta' l-Ajru u l-Emissjonijiet mill-Magni ta' l-Inġenji ta' l-Ajru, Anness 16 għall-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali ("Anness 16"). Wara l-ipproċessar mis-sistema ta' l-ICAO, dan it-tibdil ġie adottat bħala emendi formali ta' l-Anness 16 għall-Konvenzjoni dwar l-avjazzjoni ċivili internazzjonali, imsejħa l-Konvenzjoni ta' Chicago, u dan sar applikabbli fl-24 ta' Novembru 2005. Ir-rekwiżiti ambjentali inklużi fl-Anness 16 huma r-rekwiżiti essenzjali għall-protezzjoni ambjentali skond l-Artikolu 6.1 tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni fil-qasam ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni ¹ ("ir-Regolament Bażiku"). Għalhekk, kwalunkwe bidla fl-Anness 16 teħtieġ li l-Komunità tiddeċiedi jekk trid tagħgħusta r-rekwiżiti tagħha bix-xieraq u, jekk dan ikun il-każ, li temenda r-referenza fl-Artikolu 6 sabiex iżommha aġġornata ma' l-iżviluppi ta' l-ICAO. Eventwalment, emenda bħal din tista' twassal għal aktar tibdil tar-regoli adottati mill-Kummissjoni sabiex jiġi implimentat l-Artikolu 6, kif meħtieġ bil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu. Dan huwa l-għan ta' din l-opinjoni ta' l-Aġenzija.
2. Sabiex jiġu aġġornati r-Regolamenti Ewropej imsemmija fuq u sabiex dawn jinżammu konformi ma' l-aħħar verżjoni ta' l-Anness 16, hemm bżonn ta' żewġ tibdiliet. Dawn huma:
 - emenda ta' l-Artikolu 6 tar-Regolament Bażiku sabiex ir-referenza għall-aktar edizzjoni reċenti tiġi aġġornata; u
 - emenda għall-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji ta' l-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom² ("Parti 21"). Din l-opinjoni hija mmirata fuq dawn iż-żewġ punti.

Meta dan it-tibdil jiġi adottat, ikun jeħtieġ li jiġu aġġornati wkoll ir-regoli maħruġin mill-Aġenzija skond l-Artikolu 14 tar-Regolament Bażiku sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-liġi tal-Komunità. Dawn huma:

- id-Deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv 2003/4/RM dwar Speċifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjoni li jipprovdu għal mezzi aċċettabbli ta' konformità għall-istorbju ta' l-inġenji ta' l-ajru ("CS-36"); u
- id-Deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv 2003/1/RM dwar mezzi aċċettabbli ta' konformità u materjal ta' gwida biex inġenji ta' l-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom ("AMC u GM għal Parti 21").

¹ ĠU L 240 / 7.9.2002, p. 1.

² ĠU L 243, 27.9.2003, p 6.

Dan it-tibdil addizzjonali ma jistax jinbeda sakemm isiru l-emendi kif deskritti f'din l-opinjoni.

3. Din l-Opinjoni ġiet adottata, wara l-proċedura speċifikata mill-Bord ta' Tmexxija ta' l-Aġenzija³, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 14 tar-Regolament Bażiku.

II. Konsultazzjoni

4. L-abbozz ta' l-Opinjoni għal Regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament Bażiku, Parti 21 u l-abbozz tad-Deċiżjonijiet relatati tad-Direttur Eżekuttiv ġew ippubblikati fuq il-websajt ta' l-Aġenzija (www.easa.eu.int) nhar l-14 ta' Lulju 2005.
5. Sad-data ta' għeluq ta' l-14 ta' Ottubru 2005, l-Aġenzija rċeviet 22 kumment mingħand awtoritajiet nazzjonali jew mingħand kumpaniji privati.
6. Il-kummenti kollha riċevuti ġew rikonoxxuti u inkorporati f'Dokument ta' Risposta għal Kumment (CRD). Il-kummenti kollha riċevuti jappoġġjaw l-inkorporazzjoni ta' l-Emendi 5 u 8 ta' l-ICAO f'liġi tal-Komunità u l-aġġustament relatat ta' l-Artikolu 6 u Parti 21.
7. Madankollu, bosta kummentaturi urew tħassib dwar il-parti ta' l-intenzjonijiet ta' l-Aġenzija fir-rigward tat-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' l-Emenda 8 dwar id-dokumentazzjoni ta' ċertifikazzjoni ta' l-istorbju li l-operaturi għandhom iżommu abbord l-inġenji ta' l-ajru tagħhom. Stennew li l-Istati Membri jingħataw l-għażla bejn it-tliet opzjonijiet differenti aċċettati mill-ICAO. Dan jidher li m'huwix kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Bażiku, li jeħtieġ standards komuni madwar il-komunità kollha. Għaldaqstant, ma jkunx possibbli li l-Istati Membri jitħallew jiddeċiedu liema opzjoni huma jippreferu. Din l-għażla teħtieġ li ssir fuq livell Komunitarju u teħtieġ li tiġi implimentata għall-operaturi kollha tal-Komunità mingħajr diskriminazzjoni.
8. L-opzjoni inkluża fl-NPA ta' l-Aġenzija tibni fuq il-kontenut ta' Parti 21, hekk kif adottata f'Settembru 2003. Dan ir-Regolament jeħtieġ lill-awtoritajiet kompetenti joħorġu ċertifikati ta' l-istorbju b'mod konformi ma' Formola 45 ta' l-EASA. Dan sar fiż-żmien bi tħassir tar-riżultati tax-xogħol tal-CAEP, li kien diġà magħruf sewwa, u kien jirrifletti dik li kienet tidher bħala l-pożizzjoni maġġoritarja tal-membri Ewropej ta' dan il-grupp fir-rigward ta' l-aqwa skema għad-dokumentazzjoni taċ-ċertifikazzjoni ta' l-istorbju. Fil-fatt ma sar ebda kumment fuq dan il-punt meta l-abbozz tar-regola implimentattiva ġie ċirkolat għall-kummenti fl-2003. Il-bidla għal sistema amministrattiva oħra tista' titqies, iżda minħabba li din tkun devjazzjoni sinifikanti minn dik li fil-preżent hija l-liġi tal-Komunità u ma kienitx parti mill-konsultazzjoni mnedija permezz ta' NPA 15-2005, hemm il-ħtieġa li jsir proċess ta' tħassir ta' regoli separat li jiċċara l-punti favur u l-punti kontra ta' tali bidla u li l-partijiet interessati jintalbu jikkummentaw fuqha. Għaldaqstant, l-Aġenzija għandha l-ħsieb li toħroġ avviż bil-quddiem ta'

³ Deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija dwar il-proċedura li għandha tiġi applikata mill-Aġenzija għall-ħruġ ta' opinjonijiet, ċertifikazzjonijiet, speċifikazzjonijiet u materjal ta' gwida ("Proċedura ta' tħassir ta' regoli") EASA MB/7/03 tas-27.06.2003..

emenda proposta (A-NPA) li teħtieġ opinjonijiet fuq din il-kwistjoni u preferenza għal opzjoni waħda jew oħra. Jekk ir-riżultat tal-konsultazzjoni juri biżżejjed appoġġ għal bidla, l-Aġenzija tibda fuq din il-bażi, xogħol ta' tfassil ta' regoli sabiex temenda s-sistema amministrattiva għall-ħruġ ta' dokumenti dwar l-istorbju. Sabiex dan jitħaffef u sabiex jitnaqqas id-dewmien fl-implimentazzjoni ta' l-emendi għall-CAEP/6 kemm jista' jkun, minħabba li ma hemm ebda hteiga li tikkonforma ma' l-Istandards ta' l-ICAO Standards, din l-opinjoni u s-CRD huma ppubblikati fl-istess żmien sabiex jintemm ix-xogħol li qed isir fit-tfassil tar-regoli.

III. Kontenut ta' l-Opinjoni ta' l-Aġenzija

9. Din l-opinjoni għandha l-għan li temenda l-Artikolu 6 tar-Regolament Bażiku, li taġġorna r-referenza għall-aħħar edizzjoni ta' l-Anness 16, u li tagħmel l-emendi relatati ma' Parti 21. Il-kontenut ta' dawn l-emendi huwa spjegat hawn taħt.
10. Emenda 8 għall-Anness 16, Volum I dwar l-Istorbju mill-Inġenji ta' l-Ajru ġiet adottata mill-Kunsill ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' l-Avjazzjoni Ċivili ("ICAO") fil-ħames laqgħa tal-174 Seduta tat-23 ta' Frar 2005. Saret applikabbli fl-24 ta' Novembru 2005. Tkompli tnaqqas l-effetti ta' l-avjazzjoni fuq l-ambjent billi ssaħħaħ il-miżuri li għandhom x'jaqsmu mat-tnaqqis ta' l-istorbju ta' l-inġenji ta' l-ajru fis-sors. L-emenda tiċċara l-lingwa applikabbli inkluż il-bidliet fl-applikabbiltà sabiex tkun tista' ssir iċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid ta' ajruplani ta' Kapitolu 5 għar-rekwiżiti aktar stretti ta' Kapitolu 4. Barra minn hekk, hija pprovduta kjarifika għal sitwazzjonijiet li ma jeħtieġux turija tal-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' l-istorbju. Tintroduċi wkoll kjarifika fuq l-amministrazzjoni tad-dokumentazzjoni ta' l-istorbju u żżid Dokument Mehmuż G ġdid b'aktar linji gwida għall-amministrazzjoni tad-dokumentazzjoni taċ-ċertifikazzjoni ta' l-istorbju u Dokument mehmuż ġdid H li jipprovi linji gwida għall-ksib ta' dejta fuq il-ħsejjes ta' ħelikopters għal għanijiet ta' ppjanar ta' l-użu ta' l-art.
11. L-emenda 5 għall-Anness 16, Volum II dwar l-Emissjonijiet mill-Magni ta' l-Inġenji ta' l-Ajru u l-Venting tal-Fjuwil ġiet adottata mill-Kunsill ta' l-ICAO fil-ħames laqgħa tal-174 Seduta tiegħu u saret applikabbli fl-24 ta' Novembru 2005. Din tkompli tnaqqas l-effetti ta' l-avjazzjoni fuq l-ambjent billi ssaħħaħ il-miżuri li għandhom x'jaqsmu mat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' l-inġenji ta' l-ajru. Standard ġdid għall-Ossidi tan-Nitroġenu (NOx) li huwa 12 fil-mija taħt l-istandards preċedenti huwa inkluż.
12. It-tibdil fil-Parti 21 jimmira li jħassar l-obbligu li jiġi inkluż tagħrif fuq l-istorbju fil-manwali tat-titjir. Dan sabiex Parti 21 tinġieb konformi mat-tneħħija ta' l-istess rekwiżiti minn Anness 16, Volum I. Ta' min wieħed jinnota li għadu permess li t-tagħrif jiġi nkluż fil-manwal tat-titjiriet, iżda minħabba li dan it-tagħrif huwa elenkat ukoll fiċ-Ċertifikat ta' l-Istorbju, li ġie magħmul għal inġenji ta' l-ajru rreġistrati fl-Unjoni Ewropea b'Parti 21, dan iwassal għal duplikazzjoni bla bżonn tat-tagħrif. Barra minn hekk, il-mira hija li jsiru xi emendi ta' natura editorjali għall-Formola 45 ta' l-EASA sabiex din issir konformi għal kollox mal-format kif irrikomandat mill-Anness 16 ta' l-ICAO.

IV. It-tibdil li jmiss fir-regoli ta' l-EASA

13. Anness 16, Volum I ġie estiż b'Dokument Mehmuż ġdid G, li jagħti linji gwida għall-amministrazzjoni ta' dokumentazzjoni ta' ċertifikazzjoni ta' l-istorbju. L-intenzjoni hija li dawn jiġu implimentati b'emenda tad-Deċiżjoni Nru. 2003/1/RM tad-Direttur Eżekuttiv ta' l-Aġenzija tas-17 ta' Ottubru 2003 dwar mezzi aċċettabbli ta' konformità u materjal ta' gwida biex inġenji ta' l-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom ("AMC u GM għal Parti 21").
14. Flimkien mal-bidliet għal Anness 16, Volum I, sar ukoll xi tibdil għad-Dokument ta' l-ICAO *Environmental Technical Manual on the Use of Procedures in the Noise Certification of Aircraft* ('Manwal Tekniku Ambjentali dwar l-Użu ta' Proċeduri ta' Ċertifikazzjoni ta' l-Istorbju mill-Inġenji ta' l-Ajru'), Dokument ta' l-ICAO 9501 AN/929. L-intenzjoni hija li dawn jiġu inkorporati permezz ta' l-emenda tad-Deċiżjoni Nru. 2003/4/RM tad-Direttur Eżekuttiv ta' l-Aġenzija tas-17 ta' Ottubru 2003 dwar l-ispeċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni li jipprovdu għal mezzi aċċettabbli ta' konformità għall-istorbju ta' l-inġenji ta' l-ajru ("CS-36").

V. Stima ta' l-Impatt Regulatorju

15. Sigurtà

Ma huwa mistenni ebda impatt fuq is-sigurtà b'dawn il-miżuri.

16. Ekonomiċi

L-impatti ekonomiċi huma mistennija li jkunu pożittivi. Billi jsegwi l-istandards adottati mill-ICAO, inġenju ta' l-ajru rreġistrat fl-Unjoni Ewropea jkun aċċettat iktar faċilment fpartijiet differenti tad-dinja. It-tnaqqis assoċjat fil-piż amministrattiv għall-industrija u l-kjarifika ta' l-amministrazzjoni ta' dokumenti relatati ma' l-istorbju huma mistennija li jkollhom effett ekonomiku pożittiv.

17. Ambjentali

It-tibdil huwa mistenni li jtejjeb u li jsaħħaħ id-dispożizzjonijiet għall-protezzjoni ambjentali.

18. Soċjali

Ma huwa mistenni ebda impatt soċjali mill-opzjonijiet l-oħra għajr l-effett indirett tat-taffija ta' effetti ambjentali negattivi ta' l-avjazzjoni fuq l-ambjent.

Cologne, 15 ta' Mejju 2006

P. GOUDOU